MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 74/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Bradley Carabott**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Bradley Carabott talli:

(a) Fit-28 ta’ Settembru 2003 u matul is-snin ta’ qabel din id-data, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b’ risoluzzjoni wahda:

(b) Fil-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ Jannar 2002, bil-lejl, fi Triq ix-Xatt Kalkara, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti foshom sigaretti, li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’

Lm100 izda inqas minn Lm1000 minn gol-Kazin Laburista tal-Kalkara liema serq sehh ghad-dannu ta' Raymond Bugeja u Edwin Camilleri u huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin;

(c) Fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Dicembru 2002 bil-lejl, fi Pjazza Arcisqof Gonzi Kalkara, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti u fwejjah, li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm100 izda mhux inqas minn Lm1000 minn gol-fond "Kalkara Pharmacy", liema serq sehh ghad-dannu ta' Maria Victoria Cutajar u huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u l-hin;

(d) Fil-jiem ta' bejn il-5 u l-10 ta' Ottubru 2002 f'xi hin matul il-lejl, fil-Bajja tal-Kalkara, Kalkara, ikkommetta serq ta' armar tas-sajd (pariti) li l-valur taghhom jeccedi l-Lm100 izda inqas minn Lm1000, minn go opra tal-bahar bin-numru ta' registrazzjoni PTF 553, liema serq sar ghad-dannu ta' Michael Vella u huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur bil-lok u l-hin;

(e) Fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Ottubru 2002, f'xi hin matul il-lejl, fil-Bajja tal-Kalkara, Kalkara, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom armar tas-sajd (pariti) li l-valur taghhom jeccedi l-Lm100 izda inqas minn Lm1000, minn go opra tal-bahar bin-numru ta' registrazzjoni PTF 1626, liema serq sar ghad-dannu ta' Ludwig Vassallo u huwa kkwalifikat, bil-valur bil-lok u l-hin;

(f) Fil-jiem ta' bejn l-10 u t-23 ta' Ottubru 2002, f'xi hin matul il-lejl, fil-Bajja tal-Kalkara, Kalkara, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom armar tas-sajd (pariti) li l-valur taghhom jeccedi l-Lm100 izda inqas minn Lm1000, minn go opra tal-bahar bin-numru ta' registrazzjoni PTF 1302, liema serq ì¥Á#`

---

ð ¿ ÇA

bjbj¡ ¡

.\Ã□Ã□¡9%ÿÿÿÿÿÿ¤'

,

,

,

,

,

,

□h„4448l<¨,ì
s¶àà"111111"r1•r•r•r•r•r•r$Êsh12v,¹r□'

T11TT-
¹r'

,

11Îr o o oT-
òJ'

1'

1"r□oT-
"r□o□o-□q'

,

Ûq1Ô

`ùå»¤úÇ4Fjˆ——————————§q or$är0 s¯q,´vÎmè ´vÛq´v’

---

Ûq”1ª¬0□oÜ□ôÐ„111¹r¹r¶n^111 sTTTTì
ì
ì
¤

- ¤ì

ì

ì

- ¦

---

tJd

---

,

---

,

---

,

---

,

---

,

---

,

---

ÿÿÿÿ1

ata fl-imputazzjoni (h) ma hi aggravata b’xejn u s-serqa indikata fl-imputazzjoni (i) hi aggravata bil-hin biss, u kkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ta’ seba’ (7) xhur u ghall-hlas ta’ ammenda ta’ mitt liri Maltin (Lm100) ai termini ta’ l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446. Inoltre ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem l-imsemmi Bradley Carabott peress illi kien taht it-tmintax-il sena meta wettaq is-serqiet in kwistjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' Bradley Carabott ipprezentat fis-26 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet (a), (b), (c), (d), (e), (f), (g), (h), (i), u lliberatu mill-imputazzjoni (j), tilliberah in kwantu sabitu hati ta’ ksur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe` li kiser ordni moghtija mill-Magistrat Noel Cuschieri b’sentenza tas-17 ta’ Gunju 2002 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Bradley Carabott*, u minflok tvarja l-piena fis-sens li tissostitwixxiha b’piena ohra li mhijiex karcerarja, u dan occorredo billi anke tapplika l-effetti ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda s-sejbien ta’ htija mill-ewwel Qorti ta’ l-imputazzjoni mmarkata (k) in kwantu tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Magistrat Dott. Noel Cuschieri fis-17 ta’ Gunju 2002. Dwar dan l-appellant ghandu diversi lmenti.

L-appellant jghid illi s-sentenza esebita (a fol. 143 u 144 tal-process) mhijiex is-sentenza vera u proprja tal-Magistrat (illum Imhallef) Noel Cuschieri peress li mid-dokument esibit “jidher li dan jirrigwarda biss l-akkuza li gie addebitat biha quddiem l-imsemmi Magistrat, ghalkemm jidher li hemm xi notamenti li kienu ntizi li jiffurmaw parti minn xi sentenza eventwali. Ma giet

prodotta ebda vera kopja tas-sentenza traskritta, u ghalhekk id-dokument esebit ma jistax iservi bhala prova awtentika tas-sentenza hemm indikata."

F'dar rigward huwa rilevanti l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-dokument esibit a fol. 143 u 144 tal-process jissodisfa l-htigiet indikati fl-imsemmi artikolu 382. Id-decizjoni tal-Qorti hi carament miktuba *di proprio pugno* mill-Magistrat sedenti a fol. 144. Hemm jirreferi ghall-fatt li kien hemm ammissjoni ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra Bradley Carabott u li huma elenkati fil-pagna 143 (il-fatti li taghhom l-imsemmi Carabott gie misjub hati), isemmi l-artikoli (f'dal-kaz ir-regolamenti) li jikkontemplaw ir-reati li taghhom huwa gie misjub hati, u jiddetermina l-piena (f'dal-kaz "Sec. 5 tal-Kap. 152 – tlett snin"). Sahansitra jghid li spjega s-sinifikat tal-*probation* lill-persuna misjuba hatja ("spjegat"). Id-decizjoni hi mbaghad ffirmata mill-Magistrat sedenti u datata 17 ta' Gunju 2002. Dak li nkiteb mill-Magistrat sedenti ma jistax jittiehed bhala "xi sentenza eventwali" izda "s-sentenza vera u proprja". Ghalhekk dan l-ilment huwa respint.

L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li ghax id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq il-prova ta' l-identita` tas-sentenzi li talvolta setghu gew esebiti, allura dan ifisser li hi qieghda taqbel li s-sentenzi esebiti huma *res judicata*. L-ezenzjoni li tat id-difiza kienet li titressaq prova ta' l-identita` ghal dawk is-sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni u limitata ghalhekk biss. Id-difiza ma ezentatx lill-prosekuzzjoni milli tipprova li tali sentenzi marru in gudikat. Skond l-appellant, il-prova li sentenza hija wahda definittiva tista' ssir permezz tax-xiehda tar-Registratur tal-

Qrati. Imbaghad, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, appell minn ammissjoni jista’ jsir.

Issa, l-appellant gie akkuzat *inter alia* bi ksur tal-provvedimenti ta’ l-artikolu 5 tal-Kap. 152 skond sentenza tas-17 ta’ Gunju 2002 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dott. Noel Cuschieri. Il-prova li nghatat dik is-sentenza saret permezz tal-kopja tas-sentenza esebita mill-Ispettur Michael Mallia fil-15 ta’ Dicembru 2004 (a fol. 143 u 144 tal-process). Li din is-sentenza nghatat fil-konfront ta’ l-appellant odjern gie kkonfermat bid-dikjarazzjoni li ghamlet id-difiza fl-4 ta’ Frar 2005 fis-sens li “tezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella’ x-xhieda taghha relatati ma’ l-identifikazzjoni o meno tas-sentenzi li l-prosekuzzjoni kienet ipprezentat precedentement fil-konfront ta’ l-imputat”. Dan ifisser li l-imputazzjoni kif dedotta kontra l-appellant giet ippruvata mill-prosekuzzjoni li ma kellha l-ebda obbligu li ttella’ lir-Registratur tal-Qorti jixhed biex jghid jekk kienx hemm appell jew le. Jekk l-appellant qieghed jallega li din is-sentenza mhijiex definittiva u li kien hemm appell – peress illi anke f’kaz ta’ ammissjoni jista’ jkun hemm appell – tali prova jmissu ghamilha hu. Wara kollox hawn ghandna sitwazzjoni fejn saret il-prova ta’ l-imputazzjoni hekk kif dedotta mill-prosekuzzjoni li esebiet bil-gurament il-fedina penali ta’ l-appellant mnejn tirrizulta l-istess sentenza li ghaliha rreferiet fl-imputazzjoni. Konsegwentement anke dan l-ilment huwa respint.

Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tittratta ma’ l-appellant ghal ksur tal-provvedimenti ta’ l-artikolu 5 tal-Kap. 152 – u mhux a tenur tal-provvedimenti tal-Kap. 446 kif sostniet l-ewwel Qorti – dato li r-reati li taghhom instab hati f’dawn il-proceduri saru matul il-perijodu ta’ *probation*. Difatti, skond l-artikolu 28 tal-Kap. 446 (disposizzjoni transitorja): **“Id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-*Probation* ta’ Hatjin (imhassar b’dan l-Att) ghandhom ikomplu japplikaw ghal kull ordni jew liberazzjoni kondizzjonata mahruga taht id-disposizzjonijiet ta’ dak l-Att qabel id-dhul fis-sehh ta’ dan l-artikolu.”** Konsegwentement kull persuna li dwarha jkun sar ordni ta’ *probation* skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 152,

ghandha tigi ttrattata a bazi ta’ dik il-ligi kemm-il darba dik il-persuna tkun ikkommettiet reat iehor matul il-perijodu ta’ *probation*. Barra minn hekk, meta Qorti tkun qed tittratta ma’ persuna minhabba l-eghmil ta’ reat jew reati ohra, huma applikabbli biss l-artikolu 10, fil-kaz tal-Kap. 152, u l-artikolu 23, fil-kaz tal-Kap. 446, u mhux ukoll l-artikoli 8 tal-Kap. 152 u l-artikolu 21 tal-Kap. 446 li jittrattaw sitwazzjoni diversa, u cioe` meta l-*probationer* ikun naqas milli josserva xi wahda mill-htigiet ta’ l-ordni u tkun saret denunzja dwar tali nuqqas mill-ufficjal tal-*probation* jew mill-Avukat Generali. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta kkundannat lill-appellant ghal *ammenda* ta’ mitt lira (Lm100).

Ilment iehor ta’ l-appellant jirrigwarda n-natura tal-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Huwa jsostni li kienet tkun aktar idoneja sentenza ta’ prigunerija sospiza. Jghid li l-artikolu 28A(7)(c) jirreferi ghall-Att dwar il-*Probation*, u cioe` l-Kap. 446, u ghalhekk l-appellant jirreferi ghall-artikolu 23 tal-Kap. 446 u specifikatament is-subartikolu (4) ta’ dak l-artikolu u jipprova jargumenta li l-ewwel Qorti ma kinitx “l-istess Qorti” a tenur ta’ l-imsemmi subartikolu (4). Ghall-fini ta’ l-artikolu 23(4) tal-Kap. 446, jitqiesu bhala l-istess Qorti s-segwenti: il-Qorti tal-Magistrati (Malta), il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u l-Qorti tal-Minorenni. L-argument imgebbed ghall-ahhar ta’ l-appellant hu li billi ma tissemmiex x’attribuzzjoni ghandha jkollha dik il-Qorti, jekk hix wahda bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ghal reati ta’ kompetenza taghha, jew l-ohra bhala Qorti Istruttorja ghal reati ta’ kompetenza superjuri, u ghalhekk m’hemmx indikazzjoni cara fil-ligi dwar x’tifhem b’Qorti tal-Magistrati (Malta), l-ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-effetti ta’ l-artikolu 28A(7)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Irid jinghad l-ewwelnett illi filwaqt illi l-artikolu 28A(7)(c) tal-Kap. 9 illum jeskludi l-possibilita` ta’ l-applikazzjoni ta’ sentenza sospiza ta’ prigunerija meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta’ *probation* jew ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-*Probation* – u ghalhekk il-Kap. 446 – qabel ma’ gie emendat dan l-artikolu permezz ta’ l-Att III tas-sena 2002, kien ukoll jipprovdi ghal tali eskluzjoni meta reat ikun sar fil-perijodu ta’ *probation* jew ta’

liberazzjoni taht  kondizzjoni skond l-Att dwar il-*Probation* ta' Hatjin, cioe` il-Kap. 152 li huwa rilevanti fil-kaz odjern. L-argument li qieghed inissel l-appellant pero` japplika l-istess ghas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 10 tal-Kap. 152.

Issa, kif inghad, l-argument ta' l-appellant huwa wiehed imgebbed ghall-ahhar u huwa wkoll ghal kollox fieragh. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 367 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li ghandu jkun hemm zewg Qrati tal-Magistrati, Qorti ghall-Gzira ta' Malta u Qorti ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna **"li jkunu maghrufa bhala l-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) rispettivament"**. Mela d-desinjazzjoni ta' "Qorti tal-Magistrati (Malta)" fil-ligijiet tal-*Probation* hija korretta. Inoltre, id-deskrizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew bhala Qorti Istruttorja, tirreferi biss ghall-funzjoni li tkun qed twettaq. Kull sentenza li tinghata mill-Qrati tal-Magistrati tinghata fil-kompetenza taghhom bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mhux bhala Qorti Istruttorja. Ghal dawn ir-ragunijiet ma hemm l-ebda htiega li l-ligiijiet in kwistjoni jiddistingwu bejn attribuzzjoni u ohra. Ghalhekk anke dan l-ilment huwa michud.

F'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti kienet korretta meta ma tatx lill-appellant il-beneficcju ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, u dan peress illi ma setghetx taghmel dan ghax prekluza mil-ligi. Inoltre l-piena ta' seba' xhur prigunerija hija sahansitra taht il-*minimum* li setghet timponi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' *ammenda* ta' mitt lira (Lm100) ai termini ta' l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------